# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 5/2025

28 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**5.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku kien talab li jkun skużat milli jattendi għal laqgħa għaliex ma kienx jiflaħ filwaqt li l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet infurmat li kienet ser tittardja ftit. Il-Kunsill qabel li s-Sur Francis Callus u s-Sinj Joanna Abdilla jkunu skużati mil-laqgħa.

## 5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

5.1.1 Is-Sindku qal li rigward il-laqgħa mal-FKNK huwa kien ressaq it-talba quddiem il-Kap tal-Iskola ta' Ħal Safi u li kienet ser tieħu direzzjoni mill-Prinċipal tal-Iskola. Is-Sindku qal issa l-Kunsill kien ser iħalli f'idejhom.

5.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 4.1.2 (laqgħa Kunsill mal-Każin tal-Banda u l-Kappillan) kienu saru sensiela ta' laqgħat fosthom mal-GO plc, Melita plc, Enemalta. Huwa żied jgħid li dakinhar tal-laqgħa l-kumpanija GO kienu bdew ineħħu il-wires li m'għadx hemm użu għalihom u għarraf lill-Kunsill li ma kinitx ser tkun xi ħaġa faċli li ngħaddu s-servizzi kollha minn taħt l-art. Is-Sindku spjega li l-problema kienet li l-Kunsill kien ser ikollu bżonn l-approvazzjoni minngħand ir-residenti tal-pjazza biex l-Enemalta, GO u l-Melita jtellgħu riser minn mal-faċċata tagħhom u jgħaddu b'cable minn taħt il-madum sal-meter.

Is-Sindku qal li s-survey tal-pjazza kien sar u anki l-marki tat-toqob tal-każin issa kienu saru. Huwa qal li issa ovvjament kellna nistennew sabiex il-Perit tirranġa d-designs biex wara ssir laqgħa oħra mal-Każin u l-Kappillan flimkien mal-Perit ta' Infrastructure Malta.

Is-Sindku ressaq id-disinn ta' fejn qed jiġi propost li jitressqu ż-żewġ *bus stops* li hemm fil-pjazza u jmorru fi Triq iż-Żurrieq. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel fil-prinċipju li ma' din il-proposta. Is-Sindku qal li l-ewwel irridu nressqu d-disinn tal-*bus stops* il-ġodda lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom. Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li minħabba l-kwistjoni tal-*Storm Water*, kien għadu għaddej l-istudju mill-Periti li huma tal-ħsieb li idealment għandha titbaxxa l-pjazza sabiex forsi din il-problema tiġi solvuta.

5.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 4.1.3 (xogħolijiet fuq il-bankina Triq Dun Gużepp Caruana) kienu lesti.

5.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 4.1.4 (palm roundabout) issa l-palm kienu neħħewh kollu.

5.1.5 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Kurt Debono li ref punt 4.1.5 (żbir siġra pjazza) l-ideal jara mas-Segretarju tal-Każin jekk hux aħjar tinżabar issa jew inkella aktar 'il quddiem qrib il-festa.

5.1.6 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fil-minuti ma ssemmitx li fi Triq ta' Rqajja qrib ir-*roundabout* kien hemm fergħa sserraħ mal-wires tal-Enemalta. Huwa wera video tad-dawl jisparkja lill-Kunsillieri. Is-Segretarju kkonfermat li l-Kunsill kien bagħat ilment lil Enemalta u li kienet ser tara jekk issewwitx.

5.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 4.1.8 (siġra taż-żebbuġ), ir-rings kienu saru u spjega li l-qasma fis-siġra kienet ftit kibret qabel twaħħlu r-rings. Huwa spjega li kien reġa' ġie l-espert tas-siġar biex jara ż-żebbuġa u li kienet qed tiġi ċċekkjata din il-qasma biex naraw tkomplix tikber xorta wara li twaħħlu r-rings. F'każ li jiġri dan ikollna nieħdu miżuri ulterjuri ta' żbir tas-siġra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li kien qed isir dak kollu possibbli biex insalvaw is-siġra.

5.1.8 Is-Sindku qal li ref punt 4.2.3 (dħul għal librerija) il-Kunsill kien għamel tabella mal-gate li turi li d-dħul kien għall-librerija biss.

5.1.9 Is-Sindku qal li ref punt 4.2.5 (latrina pubblika) issa kienet lesta l-latrina tan-nisa u li kienu ser jibdew bix-xogħolijiet fil-latrina tal-irġiel.

5.1.10 Is-Sindku qal li ref punt 4.2.8 (laqgħa Garden of Future Generation) kienu identifikaw ċerti żoni/postijiet perikolużi u li issa eventwalment kienu ser jsejħu laqgħa oħra.

5.1.11 Is-Sindku qal li ref punt 4.2.13 (road Safety audit) il-Kunsill diġa' kien ġabar kwotazzjoni biex isir l-*audit*. Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni lill-Kunsilliera u qablu li għandna nmexxu bl-audit u li wara li jsir ir-rapport ngħadduh lil Transport Malta bir-rakkomandazzjonijiet.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jitlob li meta jiġu *on site għal audit*, ikun hemm xi ħadd preżenti mill-Kunsill sabiex inkunu nistgħu nidentifikawlhom it-tħassib tagħna għall-periklu f'dawn it-toroq.

5.1.12 Is-Sindku qal li ref punt 4.3.10 (proġett *New Water*) issa s-sinjali kienu għamluhom u l-Kunsill iddiskta sa fejn waslu bix-xogħolijiet.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 18.30

5.1.3 Is-Sindku qal ref punt 4.8 (*School grannies*) flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa mal-Active Aging. Is-Sindku spjega li s-sejħa biex jinħatru l-*ischool grannies* ried joħroġha l-Kunsill, kif ukoll fuq il-gazzetta tal-Gvern. Is-Sindku kompla jispjega xi dettalji kif kienet ser taħdem is-sistema tal-*ischool grannies*.

**5.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.2.1 Is-Sindku qal lill-Kunsillieri li minħabba li l-Kunsill kellu jħassar l-attivita' relatata mal-*World Book Day* minħabba l-funeral tal-Papa Franġisku, kien tkellem mal-President tar-Reġjun sabiex il-Kunsill ma jitlifx il-fondi relatati ma din l-attivita' għaliex wara kollox il-Kunsill ma ħassarx l-attivita' għax ried hu. Is-Sindku spjega li r-Reġjun xorta kienu ser jagħtuna l-€500 grant pero' issa din is-somma kellna nixtru kotba minflok u s-Sindku ippropona li €400 f'kotba jmorru għal librerija pubblika filwaqt li l-€100 li jifdal imorru għal librerija tal-iskola. Il-Kunsill qabel.

5.2.2 Is-Sindku qal li r-Reġjun kien ser jerġa' jġedded l-iskema li jipprovdi ħlas għat-trasport meta l-Kunsill jorganizza ħarġa kulturali għal ħames (5) attivitajiet li jsiru fir-reġjun tagħna.

5.2.3 Is-Sindku qal li f'Ottubru kienet ser terġa' ssir *European Week for Regions and Cities* fi Brussell. Is-Sindku spjega li r-Reġjun kien ser jiffinanzja l-biljett tal-ajru għal persuna minn kull Kunsill u wera x-xewqa tiegħu li jattendi għal din il-konferenza. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li s-Sindku jattendi f'isem il-Kunsill ta' Ħal Safi.

5.2.4 Is-Sindku qal li flimkien mar-Reġjun, BMX kienu ser jorganizza *BMX challenge event* u l-President kien talab jekk il-Kunsill kienx lest li din l-attivita' ssir ġewwa Ħal Safi. Is-Sindku spjega li huwa kien iltaqa' ma żewġ rappreżentanti mill-BMX fejn iddiskutew din ic-*challenge* u flimkien qablu li l-ideal issir fi Triq il-Menqa biex noħolqu lanqas inkonvenjent għall-pubbliku. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu biss jagħti l-approvazzjoni tiegħu li ssir din l-attivita' fil-lokal tagħna u jipprovdi xi barriers biex tingħalaq it-triq.

5.2.5 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju, 2025 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa *Transport Malta* minħabba l-kwistjoni tal-pompa tal-petrol. Huwa spjega li sid il-pompa kien qed jaċċetta l-proġett pero' kien qed jitlob li almenu Triq Dun Karm Lia terġa' ssir 2 way sabiex il-vetturi li se jkunu qed jaqbżuh peress li l-pjazza se tiġi one-way, ikunu almenu jistgħu jgħaddu għandu minn Triq Dun Karm Lia sabiex ma jitlifx klijenti.

Is-Sindku spjega li jekk ma jibqax ikun hemm parkeġġ ħażin quddiem il-Convenience Store, allura jista' jkun li t-traffiku ma jeħilx. Fid-dawl li issa l-Kunsill kien waħħal camera u li l-Convenience applika għall-un/loading bay, jemmen li dan l-abbuż ta' parking ħażin kien se jonqos.

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li Triq Dun Karm Lia ssir 2 ways bi prova għal 3 xhur, dan b'riserva li nżommu d-dritt li jekk jerġa' jibda jkun hemm kongestjoni tat-traffiku f'din iz-zona, it-triq terġa' ssir one way kif inhi issa. Dan it-tibdil ma jsirx qabel nimplimentaw it-traffic management tal-pjazza.

5.2.6 Is-Sindku fakkar li l-Ħadd l-1 ta' Ġunju l-quddiesa tad-9:30am kien ser tiġi kkonċelebrata mill-Monsinjur Arċisqof.

5.2.7 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri sabiex kulħadd ilesti l-messaġġi għall-fuljett ta' Awwissu.

5.2.8 Is-Sindku qal li daħlet talba biex jitwaħħal doggy bin fi Triq ta' Rqajja fejn hemm iż-Żebbuġa. Kunsill qabel.

5.2.9 Is-Sindku qal li ġie mitlub sabiex isiri linji tal-parkeġġi fi Triq San Ġorg peress li kienu qegħdin jipparkjaw ħażin. Il-Kunsill qabel.

**5.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

5.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinj Claire Zammit qalet li persuna kienet avviċinata biex jiżdied parkeġġ ta' mutur fi Triq il-Kenn. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jara fuq il-post jekk hux possibbli.

5.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinj Claire Zammit qalet li għal Lulju kienet ser torganizza ħarġa għal Kemmuna.

5.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinj Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx possibbli li nżidu bank fi Triq il-Kuċċard. Is-Sindku kkonferma li ma kellniex aktar bankijiet fil-garaxx pero' il-Kunsill kien ser jara jekk nistgħux insibu l-istess għamla ta' bankijiet fil-preżent biex filkaż nixtru wieħed. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

5.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinj Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 22 ta' Ġunju, 2025 kien ser ikun hawn il-blood donation bank fil-pjazza.

5.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinj Joanna Abdilla qalet li kienet ser terġa' torganizza l-ħarġa għall-Imnarja. Is-Sindku fakkar biex nagħmlu użu mill-iskema tar-Reġjun għat-trasport f'wieħed mill-lokalita' fir-Reġjun tagħna.

5.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinj Joanna Abdilla qalet li kellha l-ħsieb torganizza canooing aktar il-quddiem fis-Sajf.

5.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinj Joanna Abdilla qalet li kienet ser torganizza attivita' ta' sports għat-tfal u ġurnata Sqallija.

5.3.8 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa ta' min kienu l-billboards int u toħroġ mill-mina ta' Ħal Kirkop. Is-Sindku kkonferma li ż-żewġ billboards kienu proprjeta' tal-Kunsill ta' Ħal Kirkop għaliex kellu bye law għalihom.

5.3.9 Il-Kunsillier Kurt Debono qal jekk kienx possibbli li għall-festa tar-raħal isiru tazzi b'stampa ta' San Pawl fuqhom sabiex it-tazzi li jintużaw waqt il-festa jkunu tazzi li ma

jintremewx wara l-użu ta' darba u għalhekk ikunu aktar sostenibbli. Il-Kunsill iddiskusta u qabel li l-Kunsillier Kurt Debono għandu jikkuntattja lill-manager tar-Reġjun b'din il-proposta.

## 5.4 Rapporti

**Approvazzjoni l-Ewwel Quarterly Financial Report 2025 (Q1)**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja ta' l-Ewwel *Quarterly Financial Statements* Q1 (Jannar – Marzu 2025) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

## 5.5 Korrispondenza

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza. Is-Segretarju Eżekuttiv daħlet l-informazzjoni rigward il-vending machines. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nġibu informazzjoni ta' vending machines li minbarra l-luminata jbiegħu anke xi snacks żghar.

## 5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

## 5.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-8.15 pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju, 2025 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |